MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**BONNICI JOSEPH**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 517/2001/1

**Domestica Limited**

**vs**

**Carmelo Bertone**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ Lm260.00c (mitejn u sittin lira Maltin) rapprezentanti in parti valur ta’ mejda, u in parti spejjez maghmula fuq l-istess mejda, liema mejda kienet inghatat lill-konvenut sabiex jisprejjaha izda li naqas li jrodd lura, minkejja diversi interpellanzi, u li llum ma tistax tinbiegh stante li giet dameggjata waqt fil-kura tal-konvenut, kif ghadha sa llum.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri interpellatorji datati 13 ta’ Lulju 2000, 11 t’Awissu 2000, 7 ta’ Dicembru 2000 u 18 ta’ Gunju 2001, u tal-ittra ufficjali datata 27 t’ April 2001, kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi mhux minnu dak allegat mill-attur izda kien hu li dejjem naqas milli jeccedi u jigbor l-istess mejda avolja dan hallas il-prezz tax-xoghol ezegwit fuq l-istess.

Lanqas ma hu vera simili li l-mejda garbet xi hsarat u dan kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza izda qabel jirtira l-istess mejda l-attur ghandu jaghmel tajjeb ghall-hlas ta' l-ispejjez li hu nkorra sabiex ikkonserva l-istess u tat-telf kollu li l-istess nuqqas t'azzjoni da parti tal-attur setghet ikkawzat lil konvenut u dan kif jirrizulta fil-kontro-talba li saret kontestwalment.

Ra r-risposta b'kontro-talba tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi x-xoghol fuq il-mejda ndikata mill-attur ilhu li gie ezegwit tant li l-attur hallas anke l-prezz ghall-istess izda dan dejjem naqas milli jigi jigbor l-istess mejda.

Issa wara dan iz-zmien kollu qieghed jitlob lura jew ahjar il-prezz taghha minghajr ma jaghmel tajjeb ghall-ispejjez sabiex tigi konservata l-istess u ghal kumpens tat-telf li gab maghha l-istess konservar

Illi ghalhekk ghandha ssir likwidazzjoni ta l-istess.

Sema' x-xhieda.

Ikkonsidera

Illi kif jirrizulta mill-istess atti, mhux kontestat li s-socjeta' attrici kkonsenjat lill-konvenut mejda biex tigi 'sprayed' .Ix-xoghol sar tant li l-konvenut gie mhallas.  Li gara huwa li s-socjeta' attrici naqset li tmur tiritira l-mejda.  Da parti tieghu l-istess konvenut la mar jikkonsenjaha wisq anqas iddepozitaha taht l-Awtorita tal-Onorabbli Qorti.  Huwa jippretendi li jzommha purche s-socjeta' attrici tikkumpensah.

Illi jigi rilevat illi l-konvenut seta facilment jezonera ruhu mill-odjerni proceduri billi kien jirritorna l-mejda lil sidha. S-socjeta’ attrici ghazlet li titlob prezzha kif del resto xehed id-direttur taghha.

It-Tribunal jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni u kontro-talba tal-konvenut, jilqa’ t-talbiet attrici, jikkundanna lil konvenut is-somma ta’ Lm260.00c (mitejn u sittin lira Maltin) lis-socjeta’ attrici bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**